Nofs seklu jgħaddi minn fuq l-Istamperija, id-Dar Ċentrali tal-Partit Nazzjonalista

George Maggi

Din ir-roqgħa art f'Tal-Pietà, fl-inħawi tal-Ħamrun u Gwardamanġa li fuqha nbniet mill-Ministru Nazzjonalista Carmelo Caruana l-ewwel Stamperija tal-Partit Nazzjonalista u aktar tard din tal-lum aktar moderna, magħrufa wkoll bħala d-Dar Ċentrali, kif ukoll minn fejn jitmexxa dan il-partit, issa għalqet ħamsin sena. Nofs seklu.

Qed ngħid l-ewwel stamperija għax jidher li minħabba li din ma kenitx, f'għajnejn xi whud tilħaq għal ħtiġiet tal-PN f'dak iż-żmien, kien deċiż li din titwaqqa' u fuq l-istess art tinbena oħra fi **struttura u għamla differenti u li** bdiet tissejjaħ id-Dar Ċentrali fl-2008. Sadattant din tal-lum xorta baqgħet magħrufa minn ħafna, fosthom l-attivisti bħala l-Istamperija.

Fl-opinjoni tiegħi u ta' ħafna dan kien żball għax intilef il-valur tal-ewwel waħda u mal-valur intilfu rabtiet u għeruq antiki fl-istess Partit Nazzjonalista. Imma dak qed tiġġudikah l-istorja kontemporanja kif ukoll dik li għad tiġi fil-ġejjieni.

X'seta' biss ġara

Li seta' ġara kien biss, li tiffonda l-art u tiżdied magħha d-dar li nxtrat li kien jisimha *Lelluxa* fi Triq Mountbatten u jinbnew kemm meħtieġa sulari fuq dak eżistenti. Kellha ġebla mill-aqwa barrieri tal-Imqabba u kulma riedet tibdila kbira flimkien ma' *refurbishment*. Imma hekk kellu jkun, b'sogħba!



Il-binja tal-Istamperija l-antika li l-ġebla tagħha kienet mill-aqwa barrieri tal-Imqabba u li kellha rabta kbira mal-partitarji Nazzjonalisti

U l-valur kien jibqa' hemm, mar-rabtiet.

Sadattant għaddew għexieren ta' snin li raw fiha minn kull xorta ta' ferħ, qtigħ il-qalb, niket, inkwiet, rebħiet, telfiet u dak kollu li ħajja politika taf iġġib magħha kemm fil-PN kif ukoll fl-Istamperiji, jew kif kienet ukoll magħrufa l-ewwel waħda l-Indipendence Press, Independence Print u d-Dar Ċentrali.

Dawn iż-żewġ binjiet raw mijiet, jekk mhux eluf ta' ħaddiema u volontiera ta' kull xorta ta' sengħa u professjoni. Raw ħaddiema tal-id kif ukoll tal-moħħ li taw sehemhom ftit wara li Malta kienet kisbet l-Indipendenza biex isaħħuha, raw ħaddiema biex Malta kisbet il-Ħelsien tagħha, raw ħaddiema biex Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea u aktar tard, biex qalbet għall-Ewro.

19 ta' April 1968

Minn dawn il-binjiet issawwru u ttieħdu mijiet ta' deċiżjonijiet politiċi b'risq il-PN biex il-Partit Nazzjonalista mexa 'l quddiem flimkien ma' Malta, speċjalment **meta l-partit kien fil-Gvern.** Mhux dejjem kienu żmenijiet ward u żahar għall-PN iżda b'xi mod, dejjem irnexxielu jibqa' miexi 'l quddiem u jaqbeż kull għawġ.

Il-makni tal-ewwel stamperija bdew iduru fid-**19 ta' April 1968** fil-preżenza tal-Ministru Carmelo Caruana, Deputati u uffiċjali oħra tal-PN. L-ewwel ma ħadmet kienet l-Intertype, verżjoni ġdida tal-Linotype u bil-mod il-makni l-oħra tal-istampa.

Fl-istess żmien ta' sentejn *jobbing* waslet il-gazzetta *Il-Poplu* mil-Lux Press li kienet toħroġ darba fil-ġimgħa u f'xi okkażjonijiet aktar minn darba. Fl-1970 wasal il-ġurnal ta' kuljum *In-Nazzjon Tagħna*. Imbagħad komplew jinħarġu *il-mument* ta' nhar ta' Ħadd, *The Democrat* bl-Ingliż u *In-Niggieża* umoristika ta' darba fil-ġimgħa.



Il-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Ġorġ Borg Olivier jammira żewġ makni tal-istampar Heidelberg



Ħaddiema fuq l-Intertype li kienu verżjoni ġdida tal-Linotype li fuqhom kienu jinhadmu l-vrus taċ-ċomb biex ikunu stampati

18-il sena wara taħt it-tmexxija ta' John Dalli tneħħew il-Linotypes u daħlet l-ewwel sistema kompjuterizzata tal-Phototypesetters, makni kompjuterizzati li kienu jaħdmu id f'id mal-fotografija.

Aktar tard kollox inqaleb għall-kompjuters bl-introduzzjoni ta' Kamra tal-Aħbarijiet *(Newsroom)* waħda li fiha kien hemm it-taqsimiet kollha tal-kitba: *reporters* f'taqsima għalihom, *features,* tajpisti, *proofreaders* (għax sa dak iż-żmien is-sistema tal-korezzjoni tal-kitba kienet għadha tinqara fuq il-karta mhux bħal-lum kompjuterizzata u għalhekk dawn illum saru jissejħu Qarrejja tal-Kitba jew *sub-editors),* edituri, assistenti edituri, kulħadd f'Kamra tal-Aħbarijiet waħda.

Tliet sistemi ta' xandir taħt saqaf wieħed

Is-sistemi tal-istampa wkoll inbidlu għal dawk tal-kulur kemm biċ-ċomb kif ukoll bl-*offset.*

Fl-istess binja antika twaqqaf *Radio 101* fis-sulari ta' fuq wara l-palk, u- aktar tard fuq Triq Mountabatten *NET Television.* Tliet sistemi ta' xandir li jwasslu l-messaġġ tal-PN f'binja waħda. B'koordinazzjoni waħda li jgħinu kemm jistgħu lil xulxin. Tliet sistemi ta' xandir u dan l-aħħar magħhom żdiedet dik *on line* diġitali fuq il-*portal net news* li biha ntlaħqet ukoll is-*social media.*

Dawn iż-żewġ binjiet ħadmu taħt gvernijiet differenti kemm dawk Nazzjonalisti kif ukoll Laburisti. L-ewwel binja, speċjalment, rat bosta ġrajjiet

Il-binja l-ġdida tal-Istamperija tal-PN magħrufa wkoll bħala d-Dar Ċentrali f'Tal-Pietà li ħadet post il-binja l-antika tal-Istamperija

koroh li llum intesew u mn'Alla kien hekk u ma jidħirx li k'alla jrid għad il-ġdida tara bħalhom. Għax in-nies immaturaw.

Matul dawn is-snin kienu bosta l-Managers u d-Diretturi Editorjali li mexxew dan il-kumpless kif ukoll Edituri.

Bħala Managers l-ewwel wieħed kien Duminku Lofaro, warajh Pawlu Floridia, Paul Spiteri u aktar tard Maurice Galea, Joe Camilleri, Ino Harrison u Frank Galea.

L-Edituri tal-ġurnali jew gazzetti kienu: **Il-Poplu:** Frank Spiteri flimkien ma' Dr Ugo qMifsud Bonnici, **In-Nazzjon:** Michael Schiavone, Victor Camilleri, Joe Zahra, Joe Mikallef, Mario Schiavone, Joe Cachia, Alex Attard, Nathaniel Attard u dak tal-lum Joe Cassar. **Il-Mument:** Michael Refalo, Joe Zahra, Victor Camilleri, Roderick Agius u dak tal-lum Alex Attard. **The Democrat:** Michael Falzon, Tony Mallia u Charles Callus. **In-Niggieża:** Joe Calleja. Benny Pace u Manuel Gauci magħrufa sew bħala Sports Editors.

Flimkien ma' dawn kien hemm Aġenti Edituri ta' *In-Nazzjon:* Michael Caruana li serva fit-tul ukoll bħala *Head of News* u Direttur Editorjali, kif ukoll Hector Bruno, Charles Spiteri, Simon Vella Gregory u Pio Dalli.

Kollha ħadmu bla heda b'risq ġurnaliżmu li jagħti servizz tajjeb lill-qarrejja fi żmenijiet sbieħ u koroh.

Ħamsin sena. Nofs seklu. Nofs ħajjet bniedem. Ħajr lil dawk kollha li taw sehmhom biex twaqqfet il-binja l-antika li kellha l-istorja tagħha li kemm stajt fil-qosor tajt tagħrif dwarha, kif ukoll awguri għal dawk li llum qed imexxu din il-binja ġdida biex huma wkoll, bħal dawk ta' qabilhom, jaħdmu qatigħ biex il-PN jerġa' jikseb suċċessi u jsib saqajh u biex jaħdmu b'risq Malta għal żmenijiet minn l-aqwa.

Ħamsin sena oħra jalla jkun hemm min japprezza dan ix-xogħol li sar f'dawn l-aħħar ħamsin sena li għaddew minn fuq l-istamperiji tal-PN bħal leħħa ta' berqa u li għaddew bis-sabiħ u l-ikrah tagħhom. Jalla l-aħħar binja tara wkoll żmenijiet aktar sbieħ u mill-aqwa.

Il-Page Setters fl-Istamperija l-antika fil-kamra fejn kienu jgħaqqdu x-xogħol tal-vrus taċ-ċomb li kien isir fuq il-Linotypes biex jiffurmaw il-paġni tal-ġurnali u xogħol ieħor



L-ewwel Newsroom li kienet organizzata fl-Istamperija l-antika bl-ewwel ġurnalisti